A.L. 379 ta' l-2004

ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk (Emenda Nru.2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk (Emenda Nru. 2), u li għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 202 ta' l-2004.

Jemenda regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minnufih fi tmiem is-subregolament (1), għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda *units* ta' prodott tat-tabakk mibjugħ minn ħanut f'*terminal* marittimu jew ta' l-ajru, għandu jkollu waħda mit-twissijiet ġenerali jew fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża.".